Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.10443 — Allianz Capital/AIMCo/Dalmore/Generation/Porterbrook)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 398/14)

1. Fit-22 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Allianz Infrastructure Luxembourg I Sarl ("Allianz Infrastructure", il-Lussemburgu), finalment mogħtija pariri minn Allianz Capital Partners GmbH ("Allianz Capital", il-Ġermanja),

— Alberta Investment Management Corporation ("AIMCo", il-Kanada),

— Ulfstead Bidco Limited, ikkontrollata minn fondi ġestiti minn Dalmore Capital Limited ("Dalmore", ir-Renju Unit) u Generation Capital Ltd ("Generation", l-Iżrael),

— Porterbrook Holdings I Limited ("Porterbrook", ir-Renju Unit).

Allianz Capital, AIMCo, Dalmore u Generation jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Porterbrook. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Għal Allianz Capital: Allianz Infrastructure hija sussidjarja kompletament proprjetà ta' Allianz SE, irrakkomandata minn Allianz Capital. Allianz Capital huwa l-maniġer tal-investiment intern tal-grupp Allianz għal investimenti alternattivi li prinċipalment jinvesti l-kapital tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni Allianz, li jiffoka l-investimenti tiegħu fuq investimenti diretti, l-enerġija rinnovabbli u investimenti indiretti f'ekwità privata,

— Għal AIMCo: l-akbar u l-aktar maniġers ta' fondi istituzzjonali diversifikati tal-Kanada, li jinvestu globalment f'isem il-klijenti tagħha, diversi fondi tal-pensjoni, id-dotazzjoni u l-gvern fil-Provinċja ta' Alberta, il-Kanada,

— Għal Dalmore: kumpanija indipendenti tal-ġestjoni tal-fondi li tiffoka fuq investimenti f'opportunitajiet b'riskju aktar baxx għall-investituri istituzzjonali fis-settur tal-infrastruttura tar-Renju Unit,

— Għal Generation: investimenti fis-setturi tal-infrastruttura u l-enerġija,

— Għal AIP: il-provvista tat-tipi kollha ta' vetturi ferrovjarji u tagħmir assoċjat lil kumpaniji Brittaniċi li joperaw ferroviji tal-passiġġieri u kumpaniji tal-merkanzija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10443 — Allianz Capital/AIMCo/Dalmore/Generation/Porterbrook

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË